**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 22 TA' OTTUBRU, 2001**

*Avviz. Nru 1482/01 AJD*

Mariella Calleja

vs

Carmel Zammit u b'digriet tat-8 ta' Novembru, 2000, gie kjamat in kawza Saviour Sammut

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Settembru, 2000, fejn intalab li t-Tribunal jillikwida u jikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni kkagunati minnu fil-vettura tal-attrici Fiat Uno bin-numru ta' registrazzjoni BBA 838 stante incident awtomobilistiku li sehh tort unikament tal-konvenut meta fl-14 ta' Gunju, 2000, fis-7:30 p.m., f'Sarria Street, Floriana, habat ma' xarabank tal-marka Bedford Plaxton bin-numru ta' registrazzjoni EBY 577 bil-konsegwenza li din ix-xarabank baqghet diehla fuq vettura Toyota Camry bin-numru EAQ 514 u mbuttaha ghal fuq il-vettura tal-attrici. L-attrici ddikjarat li d-danni ma kienux jeccedu l-mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250.00).
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja u tal-ittra ufficjali mibghuta lill-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax mid-data tal-incident sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn ecepixxa:-

1. It-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjes stante kif ammess minnha stess fit-talba taghha ma kienx il-konvenut li kkagunalha l-hsarat minnha lmentati, izda l-vettura Toyota numru EAQ 514.

2. Ghalhekk l-esponenti ghandu jigi liberat mill-gudizzju.

Ra d-digriet tat-8 ta' Novembru, 2000, fejn giet ordnata l-kjamata in kawza ta' Saviour Sammut.

Ra r-risposta prezentata mill-kjamat in kawza fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi l-esponent kjamat in kawza kien involut f'incident awtomobilistiku li sehh fl-4 ta' Gunju, 2000;

2. Illi l-esponent ma ghandu l-ebda htija fl-incident in kwistjoni stante illi kienet il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAQ 514 misjuqa minn Carmel Zammit li ppruvat b'mod traskurat, negligenti, perikoluz u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-tarffiku, taqbez ix-Xarabank bin-numru EBY 577 misjuqa mill-esponent;

3. Illi minhabba l-azzjonijiet tal-konvenut Carmel Zammit, il-vettura BBA 838 spiccat habett max-Xarabank tal-esponent b'konsegwenza illi mal-habta x-Xarabank dahlet go vettura ohra bin-numru tar-registrazzjoni BBA 838 misjuqa minn Mariella Calleja;

4. Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal tichad it-talba tal-attrici fil-konfront tieghu bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

Sema' x-xhieda ta' PS 1144 Kenneth Brignano, tal-attrici, ta' Anthony Vassallo, Carmel Zammit u Silvio Sammut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati mill-konvenut Carmel Zammit u mill-kjamat in kawza Saviour Zammit.

Ikkunsidra:
Illi l-attrici qed tirreklama danni kagunati fil-vettura taghha fl-14 ta' Gunju, 2000, meta waqt li l-vettura taghha bin-numru tar-registrazzjoni BBA 838 kienet regolarment parkeggjata fi Triq Sarrija, l-Furjana, xarabank bin-numru tar-registrazzjoni EBY 577 baqghet diehla f'vettura parkeggjata (EAQ 514) u mbuttatha fil-vettura propjeta' tal-attrici.

Illi l-partijiet fil-kawza kollha jaqblu li l-attrici ma seta' kellha ebda htija ghall-incident de quo.

Illi s-Surgent tal-Pulizija li nvestiga l-kaz u cioe' PS 1444, Kenneth Brignano, li xehed darbtejn quddiem dan it-Tribunal, ikkonferma li l-konvenut Carmel Zammit jumejn wara l-incident in kwistjoni kien mar minn rajh l-Ghassa tal-Pulizija u ammetta li huwa kien responsabbli ghal dan l-incident u kien ser jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti minn terzi. Il-konvenut Zammit kien iffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens u estratt ta' din id-dikjarazzjoni tirrizulta fir-rapport tal-Pulizija a. fol. 11 et seq. tal-process. Is-Surgent stqarr ukoll li l-konvenut Zammit kien qal li ma kienx mohhu hemm u li kien imfixkel.

Illi l-konvenut xehed fis-seduta tal-4 ta' Lulju, 2001, u kkonferma l-verzjoni li ta lis-Surgent fis-sens li ammetta li huwa ttenta jissorpassa x-xarabank misjuqa mill-kjamat in kawza Sammut, deherlu li kien hemm bizzejjed spazju biex jghaddi izda huwa laqat l-arabank bejn il-'mudguard' u l-bieba ta' quddiem. Il-konvenut qal ukoll li ma jidhirlux illi mbotta x-xarabank il-quddiem, ammetta li kien mghaggel u mfixkel u li meta laqat ix-xarabank huwa baqa' sejjer u li kien biss filghaxija li huwa mar jaghmel rapport lill-Pulizija fejn ammetta li kien hu li kkawza l-incident.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu il-konvenut jipprova jitfa' l-htija fuq is-sewwieq tax-xarabank u cioe' il-kjamat in kawza Saviour Sammut. Huwa jaghmel diversi allegazzjonijiet f'din in-nota li bl-ebda mod ma rrefera ghalihom fir-risposta, fix-xhieda li ta quddiem it-Tribunal, fid-dikjarazzjoni maghmula minnu lis-Surgent Brignano a tempo vergine, u tul is-smiegh tal-provi. Il-konvenut allega f'din in-nota li x-xarabank ma kellhiex il-'brakes' jiffunzjonaw u li kien ghalhekk li x-xarabank baqghet diehla fil-vetturi parkeggjati. Il-konvenut fl-istess nota jipprova jitfa' dawl ikrah fuq is-Surgent tal-Pulizija li nvestiga l-kaz fis-sens illi qal li dan ta' l-ahhar ma ndrigax jispezzjona x-xarabank sabiex jiddetermina jekk il-'brakes' kienux funzjonabbli. It-Tribunal jirrileva li l-konvenut ma ghamel ebda allegazzjoni f'dan is-sens lill-Pulizija meta mar l-Ghassa, anzi ammetta li t-tort kien tieghu, u ghalhekk wiehed jifhem ghalfejn is-Surgent ma spezjonax ix-xarabank. It-Tribunal ma jifhimx ghalfejn il-konvenut qieghed jissolleva dawn il-kwistjonijiet proprju f'dan l-istadju proprju meta l-kawza tinsab differita ghas-sentenza u jidhirlu li jekk il-konvenut kellu dawn id-dubji dwar il-funzjonabilita' tal-'brakes' tax-xarabank, huwa setgha facilment jesprimihom ferm qabel u almenu jittenta jipprova dan il-fatt ukoll fi stadju aktar avvanzat. Il-konvenut, dejjem fin-nota ta' sottomissjonijiet, qal ukoll li b'xi mod gie sfurzat mill-Pulizija jiffirma d-dikjarazzjoni li huwa ghamel dakinhar tal-incident filghaxija izda jistqsi t-Tribunal - Ghalfejn il-konvenut ma ghamel ebda riferenza ghal dan il-fatt meta xehed viva voce quddiemu fis-seduta tal-4 ta' Lulju, 2001.

Illi l-konvenut enfasizza wkoll fuq il-fatt li s-sewwieq tax-xarabank ma kienx qieghed isuq fuq il-'bus lane' kif kien tenut li jaghmel u kien ghalhekk li gie kkawzat l-incident. Mill-iskizz tal-Pulizija jirrizulta li l-kjamat in kawza effettivament

ma kienx qed isuq fuq il-'bus lane' izda fil-fehma tat-Tribunal, dan il-fatt ma kienx il-kawza prossima tal-incident, semmai is-sewwieq tax-xarabank seta' jinsab hati ta' kontravenzjoni fil-kamp kriminali.

Illi l-kawza prossima tal-incident kien proprju s-sewqan traskurat tal-konvenut li 'ex admissis' kien mghaggel u mfxikel u ghalhekk ittenta jaghmel manuvra ta' sorpass minn gewwa, kkalkola hazin u laqat lix-xarabank.

Illi jidher li ma hemm ebda kontestazzjoni dwar il-'quantum' tad-danni sofferti mill-attrici li del resto esibiet 'survey report' (a' fol. 37 u 38) u stima tal-'ispare parts' (a. fol. 43). Mis-'survey report' jirrizulta li l-prezz ghall-'labour' u 'spray' kien jammonta ghal mija u hmistax il-lira Maltin (Lm115.00) u mill-istima tal-'parts' jidher li l-prezz tal-'parts' li kellhom jinbidlu kien jammonta ghal mija u erbgha u sebghin liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm174.36). Id-danni sofferti mill-attrici ghalhekk jammontaw komplessivament ghal mitejn u disgha u tmenin liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm289.36).

Illi fl-Avviz tat-Talba l-attrici kienet ddikjarat li d-danni sofferti minnha ma kienux jeccedu l-mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250.00). Presumibilment hija ghamlet hekk stante li fiz-zmien meta giet intavolata l-kawza, il-kompetenza tat-Tribunal kienet tirrigwarda ammonti li ma jeccedux il-mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250.00).

Illi t-Tribunal ma jistax jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ammont li jmur oltre dak mitlub mill-istess attrici, u d-danni sofferti mill-attrici qed jigu halhekk likwidati fl-ammont ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250.00).

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jiddeciedi billi filwaqt li jiddikjara lill-konvenut Carmel Zammit unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tal-14 ta' Gunju, 2000, u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attrici, jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici d-danni li qed jigu likwidati fl-ammont ta' mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250.00) kif spjegat aktar il-fuq, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-llum. Il-kjamat in kawza qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-kjamat in kawza, jithallsu interament mill-konvenut skond il-ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR